MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Numru. 423/2011

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Andrew Grech, iben Anthony, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Ottubru, 1982, Karta ta’ l-Identita numru 542682(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’Marzu,2011 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, fil-kapaċita’ personali tiegħu u/jew bħala proprjetarju tal-ħanut PC Wise Malta li jinsab ġewwa l-Mosta, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, għal qliegħ, jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċa jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi

ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija. Rat l-artikoli 18 u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' erba' mitt euro (€400).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------